# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU 1624

KAZ NRU : 2232CD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

**Karmenu Spiteri**

u

**Edible Oil Refining Co Ltd**

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Illum il-Gimgha 12 ta' Awissu 2005

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

**1. Introduzzjoni**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet irriferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qrati Superjuri fl-10 ta' Novembru 2004 biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

L-appellant Karmenu Spiteri kien assistit mill-Avv Dr Marvic DeBarro LL.D. u mis-Sur Josef Bugeja, Segretarju tal-General Workers' Union.
Is-socjeta intimata kienet rapprezentata mis-Sur Joseph Farrugia, HR Manager and Production assistit mill-Avv Dr Joseph Camilleri LL.D.

Peress Ii l-provi li ingiebu fil-kaz Nru 2232CD fl-ismijiet Karmenu Spiteri u Edible Oil Refining Co Ltd kienu l-istess bhal provi tal-kaz Nru 2233CD fl-ismijiet Reuben Debono u Edible Oil Refining Co Ltd, it-Tribunal ordna li dawn iz-zewg kazijiet jinstemghu flimkien.

It-Tribunal zamm tmien (8) seduti.

**2. Xhieda**

Tul is-smiegh tal-kaz xhedu s-segwenti individwi:

| | |
|---|---|
| Karmenu Spiteri | l-appellant |
| Philip Psaila | Company Secretary |
| Joseph Farrugia | HR Manager and Production |
| Joseph Aquilina | Financial Controller |
| Joseph Grima | President Onorarju tal-GWU |
| Josef Bugeja | Segretarju Taqsima Ospitalita u Ikel |
| Alfred Bezzina | Direttur tal-Kummissjoni persuni b'Dizabilita |

**3. Dokumenti**

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti.

**L-Istorja**

Karmenu Spiteri kien gie impjegat mal-Edible Oil Refining Co Ltd fl-10 ta' Marzu 1975 bhala labourer. L-impjieg tieghu gie tterminat fis-16 ta' Novembru 2004 u kellu salarju ta' Lm91 fil-gimgha. Ir-raguni mghotija mill-kumpanija fuq l-ETC form ghat-terminazzjoni ta' l-impieg taz-zewg individwi tidher bhala "lack of work".

Skond id-dettalji fuq l-istess ETC form it-tul tas-servizz fil-kaz ta' Spiteri kien ta' tmienja u ghoxrin (28) sena.

**Sottomissjonijiet**

Il-kazi ta' terminazzjoni ta' l-impieg taz-zewg impjegati skond il-kumpanija kienet ghal-istess raguni viz "lack of work". Il-kumpanija sostniet b'figuri fl-accounts li kienet qeghda titlef, izda l-appellanti ikkontendew li apparti r-raguni mghotija mill-kumpanija, l-procedura kif il-kumpanija waslet biex tillicenzja lilhom kienet zbaljata u per se tirrendi t-terminazzjoni ta' l-impieg taghhom ingust.

Fil-kaz ta' Spiteri dan sostna li l-ghazla li jigi tterminat l-impieg tieghu kienet zbaljata ghax hu kien serva sewwa fiz-sezzjoni tar-"Refinery" Hu veru li l-grad sostantiv tieghu kien ta' "blow moulder", izda Spiteri sostna li kien ukoll intiz fix-xoghol ta' "refining" u ghalhekk sostna Spiteri kellu jkun hu li jimla dan il-post flok impjegat iehor li kellu servizz anqas minnu. Min naha tal-kumpanija irretenniet li ma kienx fl-interess taghha u kienet tmur kontra l-principju tal-"last in first out" fir-Refinery kieku kellu jiddeciedi li zzomm lill-Spiteri u tissensja lill-Certu George Camilleri li kellu l-grad ta' "Refinery Supervisor" apparti il-bzonn ta' certi rekwiziti ghal minn ikun supervisor fir-Refinery.

**Kunsiderazzjonijiet**

Ghalkemm iz-zewg appellanti gew issensjati ghall-istess raguni u fl-istess data, it-Tribunal kien mehtieg jikkundira kemm ir-raguni "lack of work" kinitx valida u jekk isib li kienet dubbjuza jikkunsidra l-meriti ta' kull kaz.

It-Tribunal irid jirrimakra li ma ghandux ghax jiddubita mill-figuri ta' l-accounts lill-kumpanija ipprezentati li juru telf ghal xi zmien, izda dan wahdu ma jfissirx li t-

Tribunal jista jikkonkludi li r-raguni mghotija ta' "lack of work" tfisser "redundancy" ekwivoka, meta jidher minn dak li sema li seta kien hemm fatturi li jirrendu lir-raguni dubbjuza u/jew ingusta meta gie itterminat l-impjieg ta' Spiteri.

Fil-kaz ta' Spiteri t-Tribunal josserva li Spiteri gie li kien jahdem fir-Rifinery u milli jidher dan ma giex ikkunsidrat tajjeb bizzejjed biex jghati vantagg fuq certu Gorg Camilleri li kien "Rifinery Supervisor" b'servizz anqas minn dak ta' Spiteri. Wiehed japprezza d-diffikulta tal-kumpanija li tiddeciedi f'sitwazzjoni bhal din lil min miz-zewg impjegati zzomm fl-impieg, pero xorta jibqa d-dubbju kemm kienet gusta li jispicca mix-xoghol Spiteri.

Jekk hu veru li r-raguni ghal-decizjoni li jigi tterminat l-impieg ta' Spiteri kienet influwenzata mill-fatt li Spiteri ma kienx il-persuna idejali minhabba nuqqas ta' abbilita li jzomm records, it-Tribunal jifhem li jekk Sptieri gie offrut il-post alternattiv ta' Deliveryman, dan facilment seta inghata lill-Camilleri u b'hekk kienet tkun evitata s-sensja ta' Spiteri aktar u aktar meta l-kumpanija kienet mehtiega tadvertajsja  il-post ta' Deliveryman.

Jidher ukoll li  tul tas-servizz li ta Spiteri ta lill-kumpanija kien konsiderevoli, 28 sena.

Huwa veru li ghas-servizz li Spiteri ta lill-kumpanija  thallas imma ma jistax jigi nnegat li ghen lill-kumpanija. F'dan ir-rigward, it-Tribunal sema wkoll kif il-kumpanija deherilha li fl-2002 tghati rikonnoximent finanzjarju lill-numru ta' impjegati li telqu lill-kumpanija minn rajhom, rikonnoximent li kien fl-eluf ta' Liri Maltin. Intqal lid an ir-rikonoxximent kien bhala "ex-gratia", izda l-kumpanija dehrilha la ma tghati l-ebda rikonoxximent finanzjarju lill-Spiteri.
Dan qiegħed jintqal irrespettivament mill-meriti tal-kaz ta' Spiteri.

Tajjeb li f'dan ir-rigward it-Tribunal ma jistax ma jinnotax li fil-waqt li l-kumpanija tghat rikonoxximent finanzjarju lill-numru ta' impjegati li ddecidew li jitterminaw l-

impjieg minn jeddhom (ma kienux redundant) dehrilha li ma tghamel l-ebda mossa identika lill-Spiteri wara 28 sena servizz.

Tajjeb li t-Tribunal jirrimarka li t-Tribunal Industrijali Brittaniku f'dan ir-rigward ta "redundancies" wara servizz twil, qal f'okkazzjonijiet diversi li l-employers ghandhom jgharfu s-servizz twil ta' l-impjegati meta jkun hemm redundancy u juru apprezzament.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-iStatements of case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra l-ftehim Kollettiv vigenti, sema' u kkunsidra is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet iggwidat mill-applikazzjoni tal-gustizzja naturali, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjoniijiet tieghu citati hawn fuq, isib u jiddeciedi li jezisti dubbju serju fl-applikazzjoni tal-procedura "last-in first-out" fil-kaz ta' Spiteri u ghaldaqstant jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' Karmenu Spiteri tenut kont ic-cirkostanzi kollha ma kinitx gusta. Fic-cirkostanzi t-Tribunal Industrijali jiddeciedi li Spiteri ghandu jinghata mill-kumpanija Edible Oil Refining Co Ltd kumpens fis-somma ta' Elf Disgha Mija u Hamsa u Disghajn Liri Maltin (Lm1995) fi zmien tletin (30) jum mid-data tad-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' dritijiet li jithallsu t-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fis-somma ta' erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

____________________

Carmel Debono

Chairman

VERA KOPJA

(ft) Carmel Debono
Chairman

Monica Seychell
A/Segretarja